

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: BY

Konvenut: CX

Dispożittiv

L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", imsemmi f'din id-dispożizzjoni, ma jkoprix it-trażmissjoni b'mod elettroniku lil qorti, bħala prova fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja bejn individwi, ta' xogħol protett.

(¹) ĠU C 372, 4.11.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-22 ta' Ottubru 2020 – Silver Plastics GmbH & Co. KG, Johannes Reifenhäuser Holding GmbH & Co. KG vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-702/19 P) (¹)

(Appell – Kompetizzjoni – Akkordju – Suq tal-imballaġġ alimentari intiż għall-bejgħ bl-innut – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE – Regolament (KE) Nru 1/2003 – Artikolu 23 – Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem – Dritt fundamentali għal smiġh xieraq – Prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet – Dritt "għall-konfront" – Smiġh ta' xhieda – Motivazzjoni – Ksur uniku u kontinwu – Limitu massimu tal-multa)

(2020/C 433/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Silver Plastics GmbH & Co. KG (rappreżentanti: M. Wirtz u S. Möller, Rechtsanwälte), Johannes Reifenhäuser Holding GmbH & Co. KG (rappreżentant: C. Karbaum, Rechtsanwalt)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Meessen, I. Zaloguin u L. Wildpanner, aġenti)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Silver Plastics GmbH & Co. KG u Johannes Reifenhäuser Holding GmbH & Co. KG għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 383, 11.11.2019.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy w Gorzowie Wielkopolskim (il-Polonja) fit-3 ta' Ottubru 2018 – Prokuratura Rejonowa w Słubicach vs BQ

(Kawża C-623/18)

(2020/C 433/18)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Okręgowy w Gorzowie Wielkopolskim